# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum id-29 ta' Novembru, 2018**

**Prim Awla tal-Qorti Civili**
**Rikors Numru 392/2015 SM**

**Mapfre Middlesea p.l.c.**
**(C - 5553)**

**vs.**

**Kevin Ellul**
**(I.D. 68183 M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat datat is-27 t'April, 2015, li permezz tieghu r-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti sintetikament espona is-segwenti:

1.1. Illi ghall-habta tas-6.30 ta' filghodu tal-20 ta' Jannar, 2008, l-intimat kien qed isuq il-vettura numru KVN – 222 liema vettura kienet koperta b'polza tal-assikurazzjoni rilaxxata mis-socjeta` rikorrenti;

1.2. Illi waqt li l-intimat kien qed isuq l-imsemmija vettura, ikkaguna l-mewt t'Emanuel Formosa;

1.3. Illi fil-hin tal-incident l-imsemmi intimat kien taht l-influenza tal-alkohol, bi ksur tal-polza t'assigurazzjoni, (ara foll 7, specifikament foll 19);

1.4. Illi permezz ta' sentenza datata d-9 ta' Gunju, 2013, (*recte* 2014), (ara foll 26), fl-ismijiet **Nikolina Formosa *et* vs. Kevin Ellul**, il-**Prim'Awla tal-Qorti Civili**:

1.4.1. Iddikjarat lill-intimat unikament responsabbli ghall-incident *de quo*;

1.4.2. Illikwidat id-danni fis-somma ta' €84,570.95; u

1.4.3. Ikkundannat lill-intimat biex ihallas id-danni hekk likwidati, (ara foll 26);

1.5. Illi r-rikorrenti fil-kawza indikata fil-paragrafu precedenti sussegwentement ghas-sentenza hemm ukoll indikata intavolaw mandat ta' sekwestru ezekuttiv fil-konfront tas-socjeta` hawn rikorrenti;

1.6. Illi ghalhekk is-socjeta` hawn rikorrenti intavolat rikors ghar-revoka tal-istess mandat, liema rikors kien gie respint u ghalhekk, is-socjeta` *de quo* instabet responsabbli ghall-hlas ta' dan l-ammont, (ara foll 32);

1.7. Illi ghalkemm fil-hin tal-incident in dizamina l-intimat kien taht l-influenza tal-alkohol, is-socjeta` rikorrenti xorta kienet kostretta thallas lit-terzi dannegjati *ai termini* tal-artiklu 12(1) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.8. Illi a tenur tal-istess artiklu indikat fil-paragrafu precedenti, s-socjeta` rikorrenti ghandha d-dritt tirriprendi l-ammont minnha hekk imhallas lit-terzi ddanneggjati, mill-istess intimat;

1.9. Illi ghaldaqstant aderiet din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.9.1. Tiddikjara li fil-mument tal-incident *de quo* l-intimat kien taht l-influenza tal-alkohol u ghalhekk, kien hemm ksur tal-polza tal-assikurazzjoni li kienet tkopri l-vettura KVN – 222;

1.9.2. Tiddikjara li ghalhekk is-socjeta` rikorrenti ghandha d-dritt li tirkupra s-somma ta' €96,059.02 minghand l-imsemmi intimat, jew somma ohra verjuri li tista` tigi likwidata minn din il-qorti, liema somma tinkludi:

1.9.2.i. Is-*sorte* mhallsa skont is-sentenza fl-ismijiet Formosa et vs. Ellul fuq riferita;

1.9.2.ii. L-interessi fuq l-istess sorte, ikkolkolati sal-21 ta' Jannar, 2015, u mal-ispejjez gudizzjarji – salv dawk relattivi ghall-kawza odjerna li qed jintalbu separatament;

1.9.3. Tikkundanna lill-istess intimat biex ihallas l-ammont fuq indikat ta' €96,059.02, jew somma ohra verjuri lis-socjeta` rikorrenti;

1.9.4. Bl-ispejjez u bl-interessi legali mill-21 ta' Jannar, 2015, sal pagament effettiv;

2. Rat id-digriet taghha datat l-4 ta' Mejju, 2015, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors promotur ghas-smigh fl-udjenza hemm indikata;

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata s-16 ta' Gunju, 2015, li permezz taghha l-intimat sintetikament irrisponda bil-mod segwenti:

3.1. Illi jikkontesta l-allegazzjoni li hu kien taht l-influwenza tal-alkohol fil-mument tal-incident in dizamina;

3.2. Illi ghalhekk ma kienx hemm ksur tal-polza tal-assigurazzjoni li kienet tkopri l-vettura numru KVN – 222;

3.3. Illi konsegwentement jikkontesta d-dritt tas-socjeta` rikorrenti li tirkupra l-ammont indikat fir-rikors promotur;

3.4. Salv risposti ulterjuri;

3.5. Illi ghalhekk it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

4. Rat id-digriet taghha datat l-14 ta' Frar, 2018, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 238), u kif sussegwentment estizi, (ara foll 239 u 249);

5. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti datata t-13 t'April, 2018, (ara foll 241), flimkien ma dik tal-intimat datata l-5 ta' Gunju, 2018, (ara foll 252);

6. Semghet ix-xhieda kollha prodotta;

7. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

8. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat it-13 ta' Gunju, 2018, li permezz tieghu infurmaw lill-qorti li kienu qed jistriehu fuq is-sottomissjonijiet minnhom ipprezentati;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu sintetikament jigu deklinati bil-mod segwenti:

9.1. Illi ghall-habta tas-6.30a.m. tal-20 ta' Jannar, 2018, l-intimat kien involut f'incident awtomobilistiku bil-vettura tal-marka Diahatsu numru KVN – 222 li hu kien qed isuq u li biha tajjar u sussegwentement ikkaguna l-mewt, ta' Emmanuel Formosa, (ara foll 104);

9.2. Illi fil-lejl tal-incident jirrizulta li l-intimat kien l-ewwel qed jixrob alkoholici il-Mosta, u wara zar diversi stabbilimenti

tax-xorb ohra f'Paceville San Giljan fejn ghamel l-istess, (ara foll 106 u 222);

9.3. Illi *nonostante* l-istess, "... m'hemmx l-icken prova fl-atti li fil-mument li sehh l-impatt l-imputat kien fis-sakra", (ara foll 107);

9.4. Illi fl-istess sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fuq riferita jirrizulta s-segwenti:

9.4.1. Illi fil-mument tal-impatt in dizamina l-imputat kien qed isuq b'velocita` normali, (ara foll 107 u 108);

9.4.2. Illi r-rapport tal-espert tossikologiku kien negattiv, (ara foll 107 u 202);

9.4.3. Illi l-intimat kien qed isuq fil-karreggjata opposta ghal dik li suppost kien fiha, (ara foll 108);

9.5. Illi peress li mal-impatt is-sinistrat Formosa spicca wara l-ghalqa li tinsab mat-triq fejn sehh l-incident, jirrizulta li l-intimat:

9.5.1. Sema` hoss kbir; (ara foll 223)

9.5.2. Inkisret pannella tal-plastik u l-*windscreen*, (ara foll 223);

9.6. Illi s-sinistrat kien liebes *track suit* ta' kulur iswed, (ara foll 108);

9.7. Illi fil-hin tal-inpatt kien ghadu d-dlam, (ara foll 108);

9.8. Illi wara l-impatt in kwistjoni l-imputat nizel mill-karozza fil-post fejn sehh l-impatt izda ma ra xejn, (ara foll 223);

9.9. Illi l-intimat m'indunax li kien tajjar bniedem, (ara foll 223);

9.10. Illi l-intimat baqa' sejjer id-dar fejn informa lill-missieru b'dak li kien gara, (ara foll 223);

9.11. Illi t-tnejn li huma, (l-intimat u missieru), marru flimkien fuq il-post izda xorta wahda ma raw xejn, (ara foll 223 u 228);

9.12. Illi wara li l-intimat tkellem mal-avukat ta' fiducja tieghu kien informat li kien ahjar li hu u missieru jmorru ghand il-Pulizija ghaliex kien irrizultalu li fl-istess post kien sehh incident fatali, (ara foll 223 u 228);

9.13. Illi l-qraba tas-sinistrat introducew procedura civili ghad-danni minnhom sofferti kagun tal-incident *de quo* kontra l-intimat li kienet deciza fid-9 ta' Gunju, 2014, (ara foll 26);

9.14. Illi fl-istess sentenza indikata fil-paragrafu precedenti l-intimat Ellul kien dikjarat unikament responsabbli ghall-incident fatali in dizamina, (ara foll 31);

9.15. Illi in segwitu ghas-sentenza hawn indikata l-istess rikorrenti hemm indikati intavolaw mandat ta' sekwestru ezekuttiv fil-konfront tas-socjeta` hawn rikorrenti, (ara foll 3);

9.16. Illi permezz ta' digriet datat it-13 ta' Novembru, 2014, wara rikors appozitu tas-socjeta` sekwestrata hawn rikorrenti, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili hekk kolpita ddekretat li tirrespingi l-istess rikors bil-konsegwenza li issa l-istess socjeta` hawn rikorrenti instabet responsabbli ghall-hlas tal-ammont ta' €84,570.95 likwidat mill-qorti ikkoncernata, (ara foll 32);

Ikkunsidrat:

10. Illi in vista tal-premess allura ghandu jkun pacifiku li l-procedura odjerna hi effettivament kawza ta' rivalza introdotta *ai termini* tal-artiklu 12 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni, li permezz taghha s-socjeta` assigurattrici rikorrenti qed titlob il-hlas lura mill-intimat tas-somma minnha issa pretiza ta' €96,059.02 minnha mhallsa bhala danni u spejjez lill-qraba tas-sinistrat fuq riferiti, (ara paragrafu numru disgha punt tlettax, (9.13.), aktar qabel), in segwitu ghall-

incident in dizamina u dan, *stante* li l-intimat kien dikjarat responsabbli ghall-istess billi meta sehh dan l-incident hu kien taht l-influenza tal-alkohol;

Ikkunsidrat:

11. Illi tali procedura kif mehuda mis-socjeta` rikorrenti tirrizulta ibbazata fuq mill-klawsoli ta' ezenzjoni espressament inkluza fil-polza tal-assikurazzjoni mahruga mill-istess socjeta` rikorrenti favur l-intimat li espressament tistipula s-segwenti, (ara foll 19):

> *"We shall not be liable in respect of:*
>
> *"a. any accident, injury, loss, damage or liability occurring while your vehicles insured by this Policy is:*
>
> *vi. "driven by any person who at the time of driving is under the influence of alcohol or drugs other than drugs taken on proper medical advice and not for the treatment of drug addiction";*

Ikkunsidrat:

12. Illi jigi rilevat li fis-sentenza in meritu tal-**Qorti tal-Magistrati (Malta)**, bhala **Qorti ta' Gudikatura Kriminali** fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Daniel Zammit u Spettur Therese Sciberras) vs. Kevin Ellul**, datata id-**29 ta' Settembru, 2010**, gie ritenut is-segwenti:

> "Illi hu minnu li l-imputat x'aktarx kien ghajjien kemm minhabba x-xorb li kien ikkonsma kif ukoll minhabba li kien qatta' lejl barra, kif inhu minnu ukoll li s-*sample* ta' l-urina mehud mill-imputat biex isiru l-ezamijiet forensici ittiehed tard wisq, u cioe`, madwar seba' sighat wara li sehh l-incident, u kien ghalhekk li x'aktarx kien minhabba f'din ir-raguni illi r-rizultat kien wiehed fin-negattiv, mandankollu dan huma biss supposizzjonijiet li tista' taghmel il-qorti, supposizzjonijiet li fil-kamp penali

mhumiex bizzejjed biex il-qorti tista' tasal ghal xi konkluzjoni lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni";

13. Illi *nonostante* s-suespost ghandu jkun pacifiku li l-procedura odjerna issa tirrisjedi fil-kamp civili fejn il-mizura decizjonali hi differenti minn dik rizervata ghall-kamp kriminali fejn issa hi allura tenuta minflok li tiddeciedi l-vertenza migjuba quddiema fuq il-bilanc ta' probabbilta` meta issa hawnhekk tigi biex tiddetermina jekk l-intimat kienx qieghed isuq taht l-influenza tax-xorb meta sehh l-incident *de quo*;

Ikkunsidrat:

14. Illi ghalhekk hu issa doveruz li jigu ri-ezaminati l-provi kollha prodotti minn din l-ottika partikolari fuq riferita biex jigi determinat jekk l-intimat kienx effettivament qed isuq taht l-influenza tax-xorb meta sehh l-incident in kwistjoni - bil-konsegwenzi kollha li tali decizjoni tista' iggib fosthom dak hawn mitlub mis-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

15. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Alan Wood vs. Feras Ben-Saoud *et***, datata l-**14 ta' Dicembru, 2017**, li irriteniet is-segwenti:

> "Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili hu dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f'mohh il-gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanc ta' probabbilitajiet";

Ikkunsidrat:

16.0. Illi mill-provi prodotti jirrizulta sintetikament is-segwenti:

16.1. Illi l-intimat jammetti li dakinhar tal-incident kien xorob l-alkohol, (ara foll 117 u 118);

16.2. Illi l-ezami li sar fuq il-kampjun tal-urina mehud mill-intimat irrizulta li kien negattiv ghall-alkohol, (ara foll 202 u 204);

16.3. Illi jirrizulta li l-istess ezami ittiehed madwar seba' (7) sieghat wara l-incident, (ara foll 1 u foll 204);

Ikkunsidrat:

17. Illi jigi f'dan l-istadju sottolineat li l-vertenza in dizamina mhix intiza li tistabbilixxi r-responsabbilita` ghall-akkadut – haga li gia` giet determinata precedentement – (ara foll 26) izda biex jigi determinat jekk is-socjeta` rikorrenti tistax tigi rifuza l-ammont ghad-danni u spejjez minnha subiti in konsegwenza tal-assigurazzjoni in dizamina;

Ikkunsidrat:

18. Illi minn ezami tar-rizultanzi prodotti ma jirrizultax pozittivament assodat li l-intimat gie determinat u ppruvat li kien qieghed isuq taht l-influenza tax-xorb u dan, *nonostante* il-fatt li l-istess intimat jammetti li xorob l-alkohol fil-lejl in kwistjoni ghaliex jista' jaghti l-kaz li kien hemm ragunijiet ohra – li ma jinkludux ix-xorb – li taw lok ghall-incident *de quo*;

Ikkunsidrat:

19. Illi in vista tal-premess allura ma jistax japplika l-klawsola ta' ezenzjoni specifikatament inkluza fil-polza assigurattiva in kwistjoni fuq riferita, (ara paragrafu numru hdax, (11.), aktar qabel);

Ikkunsidrat:

20.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti ma tqisx li s-socjeta` rikorrenti ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi u konsegwentement:

**DECIDE:**

20.1. Tirrespingi t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti;

20.2. Takkolji r-risposti tal-intimat;

20.3. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti.

_________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**